



## Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

18 ta' Ġunju 2020\*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Kummerċjalizzazzjoni mill-bogħod ta' servizzi finanzjarji – Direttiva 2002/65/KE – Artikolu 1 – Kamp ta' applikazzjoni – Kuntratti għal servizzi finanzjarji li jinkludu ftehim inizjali segwit b'operazzjonijiet suċċessivi – Applikazzjoni tad-Direttiva 2002/65/KE għall-ftehim inizjali biss – Artikolu 2(a) – Kunċett ta' 'kuntratt għal servizzi finanzjarji' – Ftehim ta' emenda ta' kuntratt ta' self li jbidel ir-rata tal-interessi ffissata inizjalment”

Fil-Kawża C-639/18,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mil-Landgericht Kiel (il-Qorti Reġjonali ta' Kiel, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Settembru 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-12 ta' Ottubru 2018, fil-proċedura

**KH**

vs

**Sparkasse Südholstein,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot, President tal-Awla, R. Silva de Lapuerta, Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, M. Safjan (Relatur), L. Bay Larsen u C. Toader, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: D. Dittert, Kap ta' diviżjoni,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-4 ta' Settembru 2019,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal KH, minn C Rugen, Rechtsanwalt,
- għal Sparkasse Südholstein, minn F. van Alen, Rechtsanwalt,
- għall-Gvern Ġermaniż, minn J. Möller, M. Hellmann, E. Lankenau u T. Henze, bħala aġenti,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn B.-R. Killmann u C. Valero, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ppreżentati fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2020,

\* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

tagħti l-preżenti

### Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq [kummerċjalizzazzjoni] b'distanza ta' servizzi finanzjarji ta' konsumaturi u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 90/619/KEE u d-Direttivi 97/7/KE u 98/27/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 321, rettifika fil-ĠU 2013, L 228, p. 14).
- 2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn KH u Sparkasse Südholstein dwar id-dritt ta' rtirar ta' KH għal dak li jirrigwarda ftehimiet ta' emenda ta' kuntratti ta' self li jbiddu r-rati ta' interessi ffixxati inizjalment.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

- 3 Il-premessi 1, 3, 13, 16 sa 18 tad-Direttiva 2002/65 jgħidu li:
  - “(1) Huwa mportanti, fil-kuntest li jintlaħħqu l-miri tas-suq singolu, li jiġu adottati miżuri maħsuba biex jikkonsolidaw progressivament dan is-suq u dawk il-miżuri għandhom jikkontribwxxu biex jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, skond l-Artikoli 95 u 153 tat-Trattat.  
  
[...]
  - (3) [...] Sabiex tiġi s-salvagwardata l-libertà ta' l-għażla, li hija dritt essenzjali tal-konsumatur, grad għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur huwa meħtieġ sabiex tiġi mtejjba l-kunfidenza tal-konsumatur f'bejgħ b'distanza.  
  
[...]
  - (13) Livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur għandu jiġi garantit b'din id-Direttiva, bl-iskop li jiġi assigurat il-moviment ħieles ta' servizzi finanzjarji. L-Istati Membri m' għandhomx ikunu jistgħu jadottaw disposizzjonijiet barra minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva fl-oqsma li tarmonizza, sakemm mhux speċifikament indikat mod ieħor fiha.  
  
[...]
  - (16) Kuntratt singolu li jinvolvi operazzjonijiet suċċessivi jew operazzjonijiet separati ta' l-istess natura mwettqa tul iż-żmien jista' jkun suġġett għal trattament legali differenti fl-Istati Membri differenti, imma huwa importanti li din id-Direttiva tiġi applikata bl-istess mod fl-Istati Membri kollha. Għal dak l-iskop, huwa approprijat li din id-Direttiva għandha tiġi kunsidrata li tapplika għall-ewwel minn serje ta' operazzjonijiet suċċessivi jew operazzjonijiet separati ta' l-istess natura mwettqa tul iż-żmien li jistgħu jiġu kunsidrati bħala li jiffurmaw entità sħiħa, irrispettivament minn jekk dik l-operazzjoni jew serje ta' operazzjonijiet hija s-suġġett ta' kuntratt singolu jew diversi kuntratti suċċessivi.
  - (17) 'Ftehim inizjali ta' servizz' jista' jiġi kunsidrat bħala per eżempju l-ftuħ ta' kont tal-bank, l-akkwist ta' karta ta' kreditu, il-konklużjoni ta' kuntratt ta' amministrazzjoni ta' portfolio, u 'operazzjonijiet' jistgħu jiġu kunsidrati bħala per eżempju id-depożitu jew l-irtirar ta' fondi lejn jew mill-kont tal-bank, ħlas b'karta ta' kreditu, operazzjonijiet magħmula fil-kwadru ta' kuntratt ta'

amministrazzjoni ta' portfolio. Iż-żieda ta' elementi ġodda għal ftehim inizjali ta' servizz, bħall-possibiltà li jintuża strument elettroniku ta' ħlas flimkien mal-kont tal-bank proprju eżistenti, ma jikkostitwix 'operazzjoni' imma kuntratt addizzjonali li tapplika għalih din id-Direttiva. Is-sottoskrizzjoni għal unitajiet ġodda ta' l-istess fond ta' investiment kollettiv huwa kunsidrat bħala wieħed mill-'operazzjonijiet suċċessivi ta' l-istess natura'.

(18) Billi tiġi koperta skema ta' provvista ta' servizzi organizzata mill-provveditur tas-servizzi finanzjarji, din id-Direttiva timmira biex teskludi mill-qasam ta' applikazzjoni tagħha servizzi provduti fuq bażi strettament okkażjonali u barra struttura kummerċjali dedikata għall-konklużjoni ta' kuntratti b'distanza.”

4 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, intitolat “L-għan u l-qasam ta' l-applikazzjoni”, jistabbilixxi li:

“1. L-għan ta' din id-Direttiva hija li jiġu approssimati l-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrativi ta' l-Istati Membri li jikkonċernaw it-tqegħid fis-suq [kummerċjalizzazzjoni] b'distanza ta' servizzi finanzjarji tal-konsumatur.

2. Fil-każ ta' kuntratti għal servizzi finanzjarji li jinkludu ftehim inizjali ta' servizz segwit b'operazzjonijiet suċċessivi jew serje ta' operazzjonijiet separati ta' l-istess natura mwettqa tul iż-żmien, id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw biss għall-ftehim inizjali.

Fil-każ li ma jkun hemm ebda ftehim inizjali ta' servizz imma l-operazzjonijiet suċċessivi jew l-operazzjonijiet separati ta' l-istess natura mwettqa tul iż-żmien jitwettqu bejn l-istess partijiet kontraenti [l-Artikoli 3 u 4 japplikaw biss meta l-ewwel operazzjoni tkun imwettqa]. Meta, madankollu, ebda operazzjoni ta' l-istess natura ma titwettaq għal iktar minn sena, l-operazzjoni li jmiss titqies li tkun l-ewwel f'serje ġdida ta' operazzjonijiet u, għalhekk, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 4.”

5 L-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva, intitolat “Id-Definizzjonijiet”, jipprevedi li:

“Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

(a) 'kuntratt b'distanza' jfisser kull kuntratt li jikkonċerna servizzi finanzjarji konklużi bejn il-fornitur u konsumatur taħt skema organizzata ta' distanza ta' bejgħ jew provvista ta' servizzi mill-fornitur, li, għall-iskop ta' dak il-kuntratt, jagħmel użu esklużiv ta' mezz wieħed jew iktar ta' komunikazzjoni ta' distanza sa u inkluż iż-żmien li fih huwa konkluż il-kuntratt[;]

(b) 'servizz finanzjarju' jfisser kull servizz ta' natura bankarja, ta' kreditu, ta' assigurazzjoni, ta' pensjoni personali, ta' investiment jew ta' ħlas;

(c) 'fornitur' ifisser kull persuna fiżika jew ġuridika, pubblika jew privata, li waqt li taġixxi fil-kapaċità kummerċjali jew professjonali tagħha, hija l-provveditriċi kontrattwali ta' servizzi soġġetta għal kuntratti b'distanza;

(d) 'konsumatur' ifisser kull persuna fiżika li, f'kuntratti b'distanza koperti b'din id-Direttiva, taġixxi għal skopijiet li huma barra n-negozju, l-kummerċ jew il-professjoni tagħha;

[...]”

- 6 L-Artikolu 3 tal-istess direttiva, intitolat “Informazzjoni lill-konsumatur qabel il-konklużjoni ta’ kuntratt b’distanza”, huwa fformulat kif ġej:

“1. Fi żmien tajjeb qabel ma l-konsumatur jintrabat b’xi kuntratt ta’ distanza jew offerta, għandu jiġi provdut bl-informazzjoni li ġejja li tikkonċerna:

[...]

- (3) il-kuntratt b’distanza

(a) l-eżistenza jew l-assenza ta’ dritt ta’ rtirar skond l-Artikolu 6 u, meta jeżisti d-dritt ta’ rtirar, id-dewmien tiegħu u l-kondizzjonijiet biex jiġi eżerċitat, inkluża informazzjoni dwar l-ammont li l-konsumatur jista’ jkun meħtieġ li jħallas abbażi ta’ l-Artikolu 7(1), kif ukoll il-konsegwenzi tan-nuqqas ta’ eżerċizzju ta’ dak id-dritt;

[...]

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, li l-iskop kummerċjali tagħha għandu jkun ċar, għandha tiġi provduta b’mod ċar u li jinftiehem fi kwalunkwe mod approprijat għall-mezz ta’ komunikazzjoni b’distanza użat, b’qies dovut, b’mod partikolari, għall-prinċipji ta’ fidi tajba f’operazzjonijiet kummerċjali, u l-prinċipji li jirregolaw il-protezzjoni ta’ dawk li ma jistgħux, skond il-legislażzjoni ta’ l-Istati Membri, jagħtu l-kunsens tagħhom, bħal minuri.

[...]”

- 7 L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2002/65, intitolat “Id-dritt ta’ rtirar”, jistabbilixxi li:

“1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-konsumatur ikollu perjodu ta’ 14-il jum skond il-kalendarju biex jirtira mill-kuntratt mingħajr penalità u mingħajr ma jagħti raġuni. [...]

Il-perjodu għall-irtirar għandu jibda:

- jew mill-jum tal-konklużjoni tal-kuntratt b’distanza, ħliet fir-rigward ta’ l-imsemmija assigurazzjoni tal-ħajja, meta l-limiu ta’ żmien jibda minn meta l-konsumatur hu infurmat li l-kuntratt b’distanza ġie konkluż, jew
- mill-jum li fih il-konsumatur jirċievi t-termini u l-kondizzjonijiet kontrattwali u l-informazzjoni skond l-Artikolu 5(1) jew (2), jekk dan hu iktar tard mid-data msemmija fl-ewwel inċiż.

[...]

3. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li d-dritt ta’ rtirar m’ għandux japplika għal:

- (a) kwalunkwe kreditu maħsub primarjament għall-iskop ta’ akwiżizzjoni jew żamma ta’ drittijiet ta’ proprjetà fl-art jew f’bini eżistenti jew ipproġettat, jew għall-iskop ta’ rinovazzjoni jew titjib ta’ bini, jew
- (b) kull kreditu assigurat jew b’ipoteka fuq proprjetà immobbli jew bi dritt relatat għal proprjetà immobbli [...]

[...]”

### *Id-dritt Ġermaniż*

- 8 L-Artikolu 312b(1) tal-Bürgerliches Gesetzbuch (il-Kodiċi Ċivili), fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ fid-data tal-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-“BGB”), huwa fformulat kif ġej:

“Kuntratti mill-bogħod huma kuntratti għall-kunsinna ta’ oġġetti jew għall-provvista ta’ servizzi, inklużi s-servizzi finanzjarji, konklużi bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur esklużivament bl-użu ta’ mezzi ta’ komunikazzjoni mill-bogħod, ħlief meta l-konklużjoni tal-kuntratt ma sseħħ fil-kuntest ta’ skema organizzata ta’ bejgħ jew ta’ provvista ta’ servizzi mill-bogħod. Is-servizzi finanzjarji fis-sens tal-ewwel sentenza huma kull servizz ta’ natura bankarja, ta’ kreditu, ta’ assigurazzjoni, ta’ pensjoni personali, ta’ investiment jew ta’ ħlas.”

- 9 L-Artikolu 312d tal-BGB jirrikonoxxi lill-konsumatur li kkonkluda kuntratt mill-bogħod dritt ta’ rtirar u jippreċiża essenzjalment li t-terminu ta’ rtirar ma jibdiex jiddekorri qabel ma l-obbligi ta’ informazzjoni f’dan is-sens ikunu ġew issodisfatti u, fil-każ ta’ provvista ta’ servizzi, mhux qabel il-konklużjoni tal-kuntratt.

- 10 Skont l-Artikolu 495(1) tal-BGB:

“Fil-każ ta’ kuntratt ta’ self konkluż minn konsumatur, il-persuna li tissellef għandha dritt ta’ irtirar [...]”

- 11 Il-kontenut tal-Artikoli 312b u 312d tal-BGB ġie emendat mill-Gesetz zur Umsetzung der Verbraucherrechterichtlinie und zur Änderung des Gesetzes zur Regelung der Wohnungsvermittlung (il-Liġi li Tittrasponi d-Direttiva dwar il-Konsumaturi u li Temenda l-Liġi dwar l-Aġenziji tal-Proprietà Immobili), tal-20 ta’ Settembru 2013 (BGBl. 2013 I, p. 3642). L-Artikolu 229(32) tal-Einführungsgesetz zum Bürgerlichen Gesetzbuch (il-Liġi Introduttiva tal-Kodiċi Ċivili) jipprevedi madankollu li l-emendi hekk magħmula lill-BGB ma humiex rilevanti għall-ftehimiet konklużi qabel it-13 ta’ Ġunju 2014. Barra minn hekk, mill-imsemmi Artikolu 229(32) jirriżulta li d-dritt ta’ rtirar ta’ konsumatur ma jintemmx għall-kuntratti ta’ servizzi finanzjarji sakemm il-konsumatur, fir-rigward ta’ kuntratt mill-bogħod konkluż qabel it-13 ta’ Ġunju 2014, ma jkunx ġie informat bid-dritt ta’ rtirar tiegħu jew ma jkunx ġie informat b’mod konformi mar-rekwiżiti legali fis-seħħ fid-data tal-konklużjoni tal-kuntratt.

- 12 L-Artikolu 495 tal-BGB, fil-verżjoni tiegħu applikabbli mill-1 ta’ Awwissu 2002 sat-12 ta’ Ġunju 2014, jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li:

“Fil-każ ta’ kuntratt ta’ self konkluż minn konsumatur, il-persuna li tissellef għandha dritt ta’ irtirar skont l-Artikolu 355.”

- 13 Fil-verżjoni tiegħu applikabbli fid-data tal-fatti fil-kawża prinċipali, l-Artikolu 355 tal-BGB kien jistabbilixxi, fil-paragrafu 3 tiegħu, li:

“Id-dritt ta’ rtirar jintemm sa mhux iktar tard minn sitt xhur wara l-konklużjoni tal-kuntratt. Fil-każ ta’ bejgħ ta’ oġġetti, it-terminu jibda jiddekorri biss mar-riċezzjoni tagħhom min-naħa tad-destinatarju. B’deroga mill-ewwel sentenza, id-dritt ta’ rtirar ma jintemmx jekk il-konsumatur ma jkunx ġie debitament informat dwar id-dritt ta’ rtirar tiegħu; fir-rigward tal-kuntratti mill-bogħod għal servizzi finanzjarji, dan id-dritt lanqas ma jintemm jekk il-fornitur ma jkunx wettaq debitament l-obbligi tiegħu ta’ informazzjoni skont il-punt 1 tal-Artikolu 312c(2).”

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

- 14 Fl-1 ta' Lulju 1994, fis-17 ta' Lulju 1994 u fl-4 ta' Novembru 1999, l-istabbiliment bankarju li tiegħu Sparkasse Südholstein hija l-aventi kawża kkonkluda tliet kuntratti ta' self ma' KH. L-ewwel kuntratt, fl-ammont ta' 114 000 mark Ġermaniż (DEM) (madwar EUR 57 000) u bir-rata ta' interessi ta' 6.95 %, kien jirrigwarda l-finanzjament ta' proprjetà immobbli u kien iggarantit permezz ta' garanzija *in rem* fuq proprjetà immobbli. It-tieni kuntratt, fl-ammont ta' DEM 112 000 (madwar EUR 56 000) u bir-rata ta' interessi ta' 5.7 %, kien jirrigwarda wkoll il-finanzjament ta' proprjetà immobbli u kien iggarantit permezz ta' garanzija *in rem* fuq proprjetà immobbli. Fir-rigward tat-tielet kuntratt, fl-ammont ta' DEM 30 000 (madwar EUR 15 000) u bir-rata ta' interessi ta' 6.6 %, dan kien jirrigwarda l-finanzjament ta' oġġetti ta' konsum.
- 15 Il-klawżoli kuntrattwali li jinsabu f'dawn il-kuntratti kienu jipprevedu li kull parti kellha d-dritt li titlob, wara ċertu terminu, l-adattament tar-rata ta' interessi miftiehma inizjalment u li, fin-nuqqas ta' dan, l-istabbiliment li jsellef ikun jista' jiffissa rata ta' interessi varjabbli paragonabbli għal dik applikata għas-self ta' dan it-tip.
- 16 Konformement ma' dawn il-klawżoli, il-partijiet ikkonkludew, matul is-snin 2008 sa 2010, billi użaw esklużivament tekniki ta' komunikazzjoni mill-bogħod, ftehimiet ta' emenda ta' tliet kuntratti, dwar l-iffissar ta' rati ġodda ta' interessi annwali. Fl-okkażjoni tal-konklużjoni ta' dawn il-ftehimiet ta' emenda, Sparkasse Südholstein ma informatx lil KH li hija kienet tibbenefika minn dritt ta' rtirar.
- 17 Permezz ta' dikjarazzjoni tat-2 ta' Settembru 2015, li Sparkasse Südholstein irċeviet fit-8 ta' Settembru 2015, KH informat lil din tal-aħħar li hija kellha l-intenzjoni li tirtira mill-ftehimiet ta' emenda. Wara li enfasizzat li dawn tal-aħħar kienu jikkostitwixxu, kull wieħed minnhom, kuntratt mill-bogħod, hija sostniet li, peress li ma kinitx ġiet informata bid-dritt ta' rtirar tagħha, hija kien għad kellha l-possibbiltà li tirtira, skont l-Artikolu 495(1) tal-BGB jew, sussidjarjament, skont l-Artikolu 312d(1) tal-BGB.
- 18 KH ippreżentat rikors quddiem il-Landgericht Kiel (il-Qorti Reġjonali ta' Kiel, il-Ġermanja) sabiex jiġi kkonstatat li l-irtirar mill-ftehimiet ta' emenda tat-tieni u tat-tielet kuntratt kellu bħala effett it-tneħħija ta' kull ftehim bejn il-partijiet dwar ir-rati ta' interessi miftiehma permezz ta' dawn il-ftehimiet ta' emenda, u sabiex Sparkasse Südholstein tiġi kkundannata tirrimborsaha l-interessi u l-ammont prinċipali mħallsa mill-konklużjoni tal-ftehimiet ta' emenda, kif ukoll l-ispejjeż imħallsa għaż-żamma tal-kont, u tħallasha kumpens.
- 19 Sparkasse Südholstein talbet li r-rikors jiġi miċħud billi kkontestat l-eżistenza ta' dritt ta' KH li tirtira mill-ftehimiet ta' emenda. Fil-fatt, skont l-istabbiliment bankarju, minbarra li l-kuntratti inizjali ma kinux ġew konklużi bl-użu ta' tekniki ta' komunikazzjoni mill-bogħod, il-ftehimiet ta' emenda, li ma kinux jirrigwardaw servizzi finanzjarji oħra, ma setgħux ikunu s-suġġett ta' rtirar separat. Sussidjarjament, jekk jitqies li l-irtirar imwettaq minn KH huwa validu, l-unika konsegwenza tkun l-annullament tal-ftehimiet ta' emenda, u mhux dik tal-kuntratti inizjali, u dawn jibqgħu b'interessi b'rati varjabbli skont id-dispożizzjonijiet kuntrattwali.
- 20 Il-qorti tar-rinviju tesponi li l-eżitu tal-kawża prinċipali jiddependi minn jekk il-ftehimiet ta' emenda għandhomx jitqiesu, l-ewwel nett, bħala li ġew konklużi fil-kuntest ta' skema ta' provvista ta' servizzi mill-bogħod organizzata mill-fornitur, fis-sens tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2002/65, u, it-tieni nett, bħala li jaqgħu taħt il-kunċett ta' "kuntratti li jikkonċernaw servizzi finanzjarji", imsemmi f'din l-istess dispożizzjoni. B'mod partikolari, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li r-risposta għal din it-tieni domanda hija neċessarja sabiex tkun tista', jekk ikun il-każ, tapplika għall-kawża prinċipali l-Artikolu 312b(1) kif ukoll l-Artikolu 312d(1) u (2) tal-BGB, u żżid li, skont ir-rieda tal-leġiżlatur Ġermaniż, il-kunċett ta' "kuntratti dwar il-provvista ta' servizzi, inklużi s-servizzi finanzjarji", imsemmi fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 312b(1) tal-BGB, għandu jiġi interpretat b'mod konformi mad-Direttiva 2002/65.

21 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Landgericht Kiel (il-Qorti Reġjonali ta' Kiel) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

“1) Kuntratt ta' self eżistenti li huwa emendat biss fir-rigward tal-ammont tar-rata tal-interessi miftehma (ftehim ta' emenda tar-rata tal-interessi) jikkostitwixxi kuntratt '[konkluż] taħt skema organizzata ta' distanza ta' bejgħ jew provvista ta' servizzi mill-fornitur', fis-sens tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva [2002/65], meta bank li għandu numru ta' fergħat jikkonkludi kuntratti ta' self għall-finanzjament ta' proprjetà immobbli li huma ggarantiti permezz ta' titoli ta' proprjetà immobbli unikament fl-aġenziji tiegħu, iżda li fil-kuntest ta' relazzjonijiet kummerċjali kuntrattwali kontinwi, kultant jikkonkludi kuntratti li jemendaw kuntratti ta' self diġà konklużi biss permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni mill-bogħod?

2) Il-kunċett ta' 'kuntratt li jikkonċerna servizzi finanzjarji' fis-sens tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2002/65/KE, jinkludi l-emenda ta' kuntratt ta' self eżistenti, meta din l-emenda tirrigwarda biss ir-rata tal-interessi maqbulha (ftehim ta' emenda tar-rata tal-interessi) mingħajr ma testendi t-tul ta' self jew temenda l-ammont tas-self?”

### **Fuq id-domandi preliminari**

#### ***Fuq it-tieni domanda***

22 Permezz tat-tieni domanda tagħha, li għandha tiġi eżaminata fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2002/65 għandux jiġi interpretat fis-sens li ftehim ta' emenda ta' kuntratt ta' self jaqa' taħt il-kunċett ta' “kuntratt li jikkonċerna servizzi finanzjarji”, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, meta l-ftehim ta' emenda jillimita ruħu li jbidel ir-rata ta' interessi miftiehma inizjalment, mingħajr ma jestendi t-tul tal-imsemmi self jew ibiddel l-ammont tiegħu, u meta l-klawżoli inizjali tal-kuntratt ta' self kienu jipprevedu l-konklużjoni ta' tali ftehim ta' emenda jew, fin-nuqqas tiegħu, l-applikazzjoni ta' rata ta' interessi varjabbli.

23 Qabelxejn, għandu jiġi osservat, kif enfasizzat l-Avukat Ġenerali fil-punt 45 tal-konklużjonijiet tagħha, li d-Direttiva 2002/65 tipproċedi, bħala prinċipju, għall-armonizzazzjoni kompleta tal-aspetti li hija tirregola u li, konsegwentement, il-formulazzjoni tagħha għandha tingħata interpretazzjoni komuni għall-Istati Membri kollha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Settembru 2019, Romano, C-143/18, EU:C:2019:701, punti 34 u 55).

24 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, mir-rekwiżiti kemm tal-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll tal-prinċipju ta' ugwajanza jirriżulta li dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, li ma tagħmel ebda riferiment espliċitu għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati s-sens u l-portata tagħha, għandha normalment tingħata, fl-Unjoni Ewropea kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi, li għandha tiġi mfittxija billi jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha, iżda wkoll il-kuntest tad-dispożizzjoni u l-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni (sentenza tat-23 ta' Mejju 2019, WB, C-658/17, EU:C:2019:444, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

25 Għal dak li jirrigwarda l-formulazzjoni tal-kunċett ta' “kuntratt li jikkonċerna servizzi finanzjarji”, li jinsab fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2002/65, għandu jiġi osservat li r-riferiment magħmul fih għas-“servizzi finanzjarji” jikkostitwixxi l-element distintiv ta' dan il-kunċett, peress li jirrigwarda l-identifikazzjoni ta' kategorija speċifika ta' kuntratti.

26 L-Artikolu 2(b) ta' din id-direttiva jiddefinixxi l-kunċett ta' “servizz finanzjarju” bħala li jkopri kull servizz ta' natura bankarja, ta' kreditu, ta' assigurazzjoni, ta' pensjoni personali, ta' investiment jew ta' ħlas.

- 27 Għal dak li jirrigwarda, b'mod iktar speċifiku, kuntratt ta' kreditu, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni tippreċiżar li l-obbligu karatteristiku tiegħu huwa l-għoti stess tas-somma mislufa, filwaqt li l-obbligu tal-persuna li tissellef li tirrimborsa din is-somma huwa biss il-konsegwenza tal-eżekuzzjoni tas-servizz mill-persuna li ssellef (sentenza tal-15 ta' Ġunju 2017, Kareda, C-249/16, EU:C:2017:472, punt 41).
- 28 Sussegwentement, għal dak li jirrigwarda l-kuntest li minnu jagħmel parti l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2002/65, għandu jiġi osservat, hekk kif semmew, għustament, kemm il-qorti tar-rinviju kif ukoll l-Avukat Ġenerali fil-punt 41 tal-konklużjonijiet tagħha, li, fil-każ ta' kuntratti għal servizzi finanzjarji li jinkludu "ftehim inizjali ta' servizz" segwit minn operazzjonijiet oħra, id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva japplikaw biss, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(2) tagħha, għall-ftehim inizjali ta' servizz. It-tieni sentenza tal-premessa 17 tal-imsemmija direttiva tippreċiżar f'dan ir-rigward li l-fatt li jiżdedu elementi ġodda mal-ftehim inizjali ma jikkostitwixxi "operazzjoni", iżda ftehim addizzjonali li għalih tapplika din l-istess direttiva.
- 29 Issa, fid-dawl tal-eżempji ta' operazzjonijiet ipprovduti fl-istess premessa 17, għandu jitqies li l-iffissar, permezz ta' ftehim ta' emenda, ta' rata ta' interessi ġdida, b'eżekuzzjoni ta' klawżola ta' negozjar mill-ġdid diġà prevista mill-ftehim inizjali, li timponi, fin-nuqqas ta' ftehim, klawżola sussidjarja li tistabbilixxi rata ta' interessi varjabbli, la jikkostitwixxi operazzjoni fis-sens tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2002/65 u lanqas iż-żieda ta' elementi mal-ftehim inizjali.
- 30 Għalhekk, minn interpretazzjoni kemm litterali kif ukoll sistematika tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2002/65 jirriżulta li "kuntratt li jikkonċerna servizzi finanzjarji" għandu jitqies bħala kuntratt li jipprevedi l-provvista ta' tali servizzi. Issa, din il-kundizzjoni ma hijiex issodisfatta fil-każ fejn, bħal fil-kawża prinċipali, il-ftehim ta' emenda kkonċernat ikollu biss l-għan li jadatta r-rata ta' interessi dovuta inkambju għal servizz diġà miftiehem.
- 31 Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-analiżi ta' dispożizzjonijiet oħra tad-Direttiva 2002/65 li minnhom jirriżulta li din tkopri, bħala prinċipju, il-ftehimiet li jirrigwardaw l-obbligu karatteristiku li għandu jiġi pprovdut mill-fornitur. Għaldaqstant, l-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva jipprevedi li l-konsumatur għandu, b'mod partikolari, jiġi informat kompletament bl-identità tal-fornitur jew bil-karatteristiċi prinċipali tas-servizz finanzjarju, inkluż bl-eżistenza jew bl-assenza ta' dritt ta' rtirar. Issa, fil-każ ta' ftehim ta' emenda li jirrigwarda biss ir-rata ta' interessi, informazzjoni ġdida lill-konsumatur dwar dawn l-aspetti tkun irrilevanti.
- 32 Fl-aħħar nett, għal dak li jirrigwarda l-għan tad-Direttiva 2002/65, għandu jiġi kkonstatat li, skont il-premessi 3 u 13 tagħha, din għandha l-għan li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi sabiex tiżded il-fiduċja tagħhom fil-bejgħ mill-bogħod u sabiex jiġi żgurat il-moviment liberu tas-servizzi finanzjarji.
- 33 Issa, tali għan ma jeżiġix neċessarjament li, fil-każijiet fejn, skont klawżola inizjali ta' kuntratt ta' self, ftehim ta' emenda ta' dan il-kuntratt jistabbilixxi rata ta' interessi ġdida, dan il-ftehim ta' emenda għandu jiġi kklassifikat bħala kuntratt ġdid li jikkonċerna servizzi finanzjarji.
- 34 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda hija li l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2002/65 għandu jiġi interpretat fis-sens li ftehim ta' emenda ta' kuntratt ta' self ma jaqax taħt il-kunċett ta' "kuntratt li jikkonċerna servizzi finanzjarji", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, meta l-ftehim ta' emenda jillimita ruħu li jbidel ir-rata ta' interessi miftiehma inizjalment, mingħajr ma jestendi t-tul tas-self jew ibiddel l-ammont tiegħu, u meta l-klawżola inizjali tal-kuntratt ta' self kienu jipprevedu l-konklużjoni ta' tali ftehim ta' emenda jew, fin-nuqqas tiegħu, l-applikazzjoni ta' rata ta' interessi varjabbli.



*Fuq l-ewwel domanda*

- 35 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għat-tieni domanda, ma hemmx lok li l-ewwel domanda tingħata risposta.

**Fuq l-ispejjeż**

- 36 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq [kummerċjalizzazzjoni] b'distanza ta' servizzi finanzjarji ta' konsumaturi u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 90/619/KEE u d-Direttivi 97/7/KE u 98/27/KE, għandu jiġi interpretat fis-sens li ftehim ta' emenda ta' kuntratt ta' self ma jaqax taħt il-kunċett ta' "kuntratt li jikkonċerna servizzi finanzjarji", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, meta l-ftehim ta' emenda jillimita ruħu li jbidel ir-rata ta' interessi miftiehma inizjalment, mingħajr ma jestendi t-tul tas-self jew ibiddel l-ammont tiegħu, u meta l-klawżoli inizjali tal-kuntratt ta' self kienu jipprevedu l-konklużjoni ta' tali ftehim ta' emenda jew, fin-nuqqas tiegħu, l-applikazzjoni ta' rata ta' interessi varjabbli.**

Firem